**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 354/2023/2**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Portelli**

**<u>Illum, 8 ta' Frar ,2023</u>**

Il-Qorti,

Rat li l-appellanti, **Joseph Portelli** detenur tal-karta tal-identita Maltija **440469M**, ġie imressaq il-Qorti u akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar id-29 ta' Guju 2018, għal ħabta tal-ħdax ta' filgħodu (11:00hrs), waqt li kont fit-triq il-Marfa, Mellieħa, limiti Ċirkewwa;

1. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor ċioe ikkaġuna danni fuq vettura b'numru tar-reġistrazzjoni CAF-452 tal-għamla Toyota propjeta' ta' Carmel Spiteri liema ħsara tammonta għal-€233.85 Art 325(1) (c) Kap 9.

2. U aktar talli qal kiem oxxien li jikkonsisti f'dagħa Art. 342 Kap 9.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba biex f'kaz ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà' ta' Carmel Spiteri kif ukoll għall-familjari tagħhom sabiex jinżamm il-bon ordni

pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok piena applikabbli għar-reat, rabtet lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffisita mill-Qorti Art.383 Kap 9. Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija l-akkużat iħallas id-danni ikkaġunati minnu għat-termini tal-artiklu 532A tal-Kapitolu 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-3 ta' Ottubru, 2023 fejn **sabet lill-imputat Joseph Portelli ħati tal-ewwel imputazzjoni u ikkundannatu għal għaxart (10) ijiem priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qegħdin jiġu sospiżi għal żmien sena (1) mil-lum**, filwaqt li ai termini tal-artikolu 28H(1) tal-Kodiċi Kriminali ordnatlu jħallas lil Carmel Spiteri is-somma ta' mitejn, tlieta u tletin ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€233.83).

Il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u illiberatu minnha. Il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ordinarju ai termini tal-Artkolu A u 28H (7) tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fi żmien sena jekk ma jħallasx l-ammont fuq indikat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Portelli, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-19 ta' Ottubru ,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tikkonfermaha fil-parti fejn huwa ġie dikjarat mhux ħati tat-tieni (ii) imputazzjoni u konsegwentement ġie liberat din l-imputazzjoni;
- Tħassarha u tirrevoka fil-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u tiddikjarah mhux ħati ta' tali imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minnha skond il-ligi.
- Alternattivament, u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena, billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

i. **<u>L-Ewwel Aggravju - Apprezzament Zballjat tal-Provi u Rizultanzi</u>**

Illi jidher biċ-ċar mill-affidavit ta' WPS 223 li s-Sur Spiteri fir-rapport tiegħu jistqarr u jikkonċedi l-fatt li huwa beda jsuq viċin tal-vettura ta' quddiemu purament biex bħal donnu jimpika u ma jħallix vetturi oħra jaqbżuh fil-kju;

Illi fix-xhieda tiegħu s-Sur Camilleri jkompli billi jikkonċedi wkoll il-fatt li huwa angola l-karozza tiegħu b'tali mod li jimpedi karozzi milli jgħaddu mill-karreġjata tax-xellug, proprju minfejn is-Sur Joseph Portelli, *qua* appellant, prova jgħaddi;

Illi dan il-fatt jiġi konfermat mis-Sur Joseph Portelli fl-istqarrija mogħtija lil Pulizija *a tempo vergine* u anke fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti fejn jixhed u jikkonferma li s-Sur Spiteri beda jross il-karozzi li pruvaw jgħaddu mill-karreġġjata tax-xellug, u dan minħabba l-fatt li kif ammetta s-Sur Spiteri stess huwa angola l-karozza tiegħu;

Illi joħroġ biċ-ċar li l-vettura Toyota Hiace misjuqa mis-Sur Spiteri hija vann u għaldaqstant, hija vettura kbira u aktar għolja mill-vettura Opel allegatament misjuqa mis-Sur Joseph Portelli;

Illi s-Sur Spiteri jistqarr ukoll, *a tempo vergine*, li s-Sur Joseph Portelli beda joffendih bi kliem baxx, biss pero' dan id-dettall iddeċieda li kompletament iħallih barra fix-xhieda tiegħu mogħtija sussegwentement quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti;

Illi minkejja l-istqarrija li s-Sur Spiteri safa' vittma ta' danni f'forma ta' għafsa fuq il-bieba tal-passiġġier ta' ċirca żewġ ċentimetri, jispikka l-fatt li ħadd u fl-ebda punt ma ġie preżentat xi ritratt li juri tali għafsa, f'liema parti tal-bieba saret tali għafsa, u d-dehra ġenerali ta' tali għafsa;

Illi din kellha tkun prova reġina fejn semmai, dak allegat, jiġi muri fil-Qorti b'mod vizwali u konsegwentament l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet tkun f'pozizzjoni aktar komda li tqabbel l-allegat daqqa ta' ponn mad-daqqa b'mod viżwali permezz tal-preżentazzjoni ta' ritratt/ritratti meħudin *a tempo vergine;*

Illi l-prosekuzzjoni naqset ukoll milli tipproduċi x-xhud Nicholas Stone li huwa l-*bodyshop estimator* li ħareġ l-istima mill-kumpanija Michael Debono Ltd. sabiex jgħati rendikont ċar u dettaljat tal-ħsarat li huwa ra u li eventwalment ikkostata fl-istima li għamel huwa stess;

Illi fid-dawl ta' dan u in linea mal-istess ħsieb, l-istess Nicholas Stone, li kien firmatarju tal-istess stima, ma ittelax bħala xhud anzi addirittura l-prosekuzzjoni ittella lil Jeffrey Sciberras nhar it-19 ta' Lulju 2022 in rappreżentanza ta' Michael Debono Limited persuna li kompletament ma kellux x'jaqsam mal-istima;

Illi inoltre, l-istess Jeffrey Sciberras ma ġiex mistoqsi taħt ġurament mill-prosekuzzjoni x'kariga għandu fi ħdan il-kumpanija jew jekk addirittura huwiex impjegat tal-istess;

Illi fid-dawl ta' dan l-appellant jirrileva li stante l-fatt li x-xhud in rappreżentanza ta' Michael Debono Ltd ma ikkonfermax bil-ġurament tiegħu permezz ta' risposta għal xi mistoqsija x'kariga jħaddan fi ħdan il-kumpanija u jekk huwiex impjegat tal-kumpanija, l-istess stima ma ġietx debitament ikkonfermata bil-ġurament kif suppost u ma treġix bħala l-aqwa prova u l-aktar prova kompleta u sħiħa;

**ii. <u>It-Tieni Aggravju- Nuqqas tal-Aqwa Prova</u>**

Illi l-argumentazzjoni f'dan l-umli aggravju jissaħħaħ iżjed fid-dawl tal-fatt li jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li ġġib l-aqwa prova sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu *Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890*:-

"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"

Di piu' l-artikolu 520(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali jrendi lill-artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili applikabbli għall-qrati tal-ġustizzja kriminali. L-artikolu 559 tal-Kap 12 jistipula illi:

*"Il-Qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Illi fid-dawl ta' dan, jidher biċ-ċar li l-atti proċesswali huma sajma mill-aqwa prova li setgħet tinġieb.

Illi *in primis*, jiġi rilevat li meta s-Sur Carmel Spiteri, ossia l-*parte civile* fil-kawża odjerna, fix-xhieda tiegħu nhar l-1 ta' Diċembru 2020, ġie mistoqsi mill-Onorabbli Qorti biex jagħraf il-persuna li beda jpaqpaq u li kien hemm dakinhar tal-inċident, l-istess Carmel Spiteri jistqar is-segwenti;

*"**Qorti:** Jekk thares f'din l-awla, hawn hafna nies, taghraf lil xi hadd li qed issemmi li kien hemmek dakinhar li qed isemmi dan il-persuna?*
***Xhud**: Ifhimni il-Pulizija taghrfu iktar minni. Il-pulizija tgharfu iktar minni."*

Illi inoltre, l-istess xhud jistqarr li *"hu beda jpaqpaq"* biss pero' meta mistoqsi mill-prosekuzzjoni min beda jpaqpaq, Carmel Spiteri jgħid u jistqarr **"wara sirt naf minghand il-Pulziija [enfazi tal-appellant] li kien Joseph Portelli"**

Illi kien wara diversi tentattivi u wara li anke stqarr li ra wiċċu biss li finalment għarfu b'xi mod, forsi anke minħabba l-pożizzjoni fejn ikun qiegħed l-imputat ġewwa l-awla u dan stante li mix-xhieda tiegħu joħroġ biċ-ċar li huwa sar jaf min hu biss tramite l-Pulizija u mhux għax effetivament rah b'għajnejh dakinhar.

Illi din it-teżi tiġi sostnuta wkoll fid-dawl tal-fatt li l-allegat aggressur avviċina l-vettura tas-Sur Carmel Spiteri minn naħa tal-passiġġier u kien ġewwa vettura iżjed baxxa mill-vann (ovjament kemmxejn għoli mill-art) Toyota HiAce misjuq mill-imsemmi Carmel Spiteri. Għaldaqstant wieħed jistaqsi kif qatt seta' jara b'għajnejh l-aġir tal-allegat aggressur meta kien fuq in-naħa l-oħra ta' fejn ġara l-inċident?

In linea ma' dan il-linja ta' ħsieb, l-appellant jagħmel referenza wkoll għall-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali jistipula li:

> *"Bħala regola għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti u* ***li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xhieda tiegħu ikun importanti."***

Illi l-*parte civile* Carmel Spiteri fix-xhieda tiegħu jikkonferma bil-ġurament li fuq in-naħa ta' fejn allegatament ingħatat id-daqqa, ossia fuq in-naħa tal-passiġġier, kien hemm martu mrikkba;

> "***Prosekuzzjoni:*** *[fejn inghatat id-daqqa] in-naha tieghek jew in-naha tal-passigier?*
> **Xhud [Carmel Spiteri]:** Ehe. Kelli l-mara hemmek werwirha igifieri"

Di piu, iktar tard fit-testimonjanza tiegħu, is-Sur Carmel Spiteri meta mistoqsi mill-prosekuzzjoni min hi l-mara tiegħu, jindikaha b'isimha u jgħid li kienet id-dar.

Illi fid-dawl ta' dak provdut fl-artikolu 638(1) tal-Kap 9, kien jispetta fuq il-prosekuzzjoni li, sabiex ma tħalli l-ebda xhud barra tħarrek lis-Sinjura Maria li tiġi mart Carmel Spiteri, xhud kruċjali, xhud okulari u xhud li kienet allegatament imwerwra b'dak li rat;

Illi bid-dovut rispett, il-prosekuzzjoni tellgħet xhieda biss li jaqbel lill-parte civile u lit-teżi tal-istess parte civile u ħallew barra xhieda indispensabbli, xhieda li effetivament u allegatament kienu preżenti fil-vettura meta allegatament l-appellant kien qiegħed jagħmel ir-reat allegat;

Illi l-prosekuzzjoni naqset ukoll milli tieħu stqarrija u verżjoni tas-Sinjura Maria, mart il-parte civile, a tempo vergine meta s-Sur Carmel Spiteri mar jagħmel ir-rapport tiegħu l-għassa.

Illi l-mara ta' Carmel Spiteri, hekk kif stqarr bil-ġurament tiegħu, kienet xhud okulari li setgħet faċilment tikkonferma jew o meno tinnega l-inċident u tgħati l-verżjoni tagħha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u dan tenut kont li hija kienet riekba fuq in-naħa fejn ingħatat id-daqqa;

Illi *ai termini* ta' dak provdut fl-artikolu 638(1), l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kelliex quddiema l-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti tant li l-prosekuzzjoni kompletament marret kontra dak provdut f'dana l-artikolu **u ħalliet xhieda barra**.

Dan qiegħed jingħad għaliex id-dubbji u l-inċertezzi kollha sottolinejati ma fihom ebda valur probatorju fil-kamp penali u jekk xejn għandhom jiġu nterpretati minn dina l-Onorabbli Qorti favur il-pożizzjoni ta' Joseph Portelli u mhux kontrih u dana in linea mal-prinċipju ben assodat u mħaddan *'in dubio pro reo'.*

**iii. <u>It-Tielet Aggravju- Xhieda tal-imputat ghandha aktar mis-sewwa</u>**

Illi l-appellant dejjem żamm ferm mal-pożizzjoni tiegħu li kien hemm għadd ta' karozzi li s-Sur Spiteri, minħabba li kif ammetta hu stess kien angolat bl-intendiment ċar li ma jħalli l-ħadd jaqbżu, beda jimpedi l-karozzi milli jgħaddu b'mod liberu;

Illi l-imputat tant kemm anqas biss kellhu konjizzjoni tal-fatt li huwa kien ta' xi daqqa ta' ponn fuq il-bieba li fix-xhieda tiegħu huwa beda jinnega li ta daqqa ta' ponn fuq is saqaf;

Illi di piu, l-appellant jistqarr u jikkollabora ma dak li xehed s-Sur Carmel Spiteri stess, u cioe li *"hu (referenza ghal Carmel Spiteri) kien qieghed fil-queue u hu beda jaghlaq il-karozzi"* u filfatt l-appellant jerġa jtenni li Carmel Spiteri stess fix-xhieda tiegħu nhar l-1 ta' Diċembru 2020 jgħid li kien angolat u *a tempo vergine* jgħid li beda jersaq viċin ta' quddiemu biex **ma jħallix karozzi jaqbżuh.**

Illi jidher biċ-ċar li l-intendiment tas-Sur Carmel Spiteri kien wieħed u uniku, dak li jangola il-karozza b'tali mod li ma jħalli l-ħadd jaqbżu u jibblukka l-karreġġjata tan-naħa tal-passiġġier;

iv. **<u>Ir-raba' Aggravju – Nuqqas ta' Ness bejn il-vettura misjuqa mill-allegat aggressur u l-Aggressur innifsu.</u>**

Illi l-appellant jirrileva li ma ittella' ħadd mill-prosekuzzjoni sabiex jixhed u jikkonferma minn naħa ta' *Transport Malta* jekk il-vettura DCE897 hijiex effetivament ta' Joseph Portelli jew xi familjari tiegħu;

Illi in kontro eżami tal-imputat, il-prosekuzzjoni naqset milli isaqsih in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura li huwa beda jsuq u naqset milli effetivament issaqsih u tistabbilixxi jekk il-vettura DCE897 kinitx il-vettura li beda jsuq dakinhar u jekk wara kollox, il-vettura hijiex tiegħu;

Illi tant kemm il-process odjern huwa monk u mimli dubbji u nuqqasijiet, li l-prosekuzzjoni in kontro eżami tal-appellant tistaqsi jekk l-istess appellant girifx il-karozza tas-Sur Spiteri jew ħariġx mill-vettura, żewġ fatturi li ma jinkwadrawx fil-fatti specie tal-każ innifsu;

Illi fid-dawl ta' dan l-appellant jikkontendi li in atti, ma teżisti l-ebda ness ġuridiku bejn il-vettura u l-appellant u għaldaqstant ġjaladarba konferma mit-Transport Malta

li tali vettura hija reġistrata fuq Joseph Portelli jew xi familjari wieħed m'għandux is-serħan tal-moħħ li DCE897 hija b'xi mod relatata mas-Sur Joseph Portelli.

Illi l-Onorabbli Qorti m'għandix il-konfort anqas li tikkonkludi li s-Sur Joseph Portelli dakinhar beda jsuq il-vettura DCE897;

**v. <u>Il-Hames Aggravju - Piena</u>**

Illi, *in oltre*, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi meta kienet qegħdha tirrifletti dwar il-piena in kwistjoni:

a) Il-fatt li l-appellant ta' il-verżjoni tiegħu a tempo vergine u anke quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti;
b) Riċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Simon Borg** daħlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena:
   Dina l-Onorabbli Qorti għamlet ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il- ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali *ai tempi moderni* hija pernjata fuq tlett-(3) prinċipji kardinali w tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:
   (a) Retributtiv;
   (b) dak Preventiv; u
   (c) dak Ri-edukattiv jew Rijabilitattiv tal-piena;

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-każ u dan fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2023.

Rat id-dokumenti kollha inseriti fil-proċess.

**Ikkunsidrat.**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jistqar li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u riżultanzi. Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għal konkluzzjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi** deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace** deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
**Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul** deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
**Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech** deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri** deciza fit-28 ta' April, 1995;
**Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed** deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
**Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef** fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

Kif ukoll is-segwenti sentenzi iktar riċenti ukoll mogħtija minn din l-istess Qorti diversament preseduta.

**Il-Pulizja Spettur Saviour Baldacchino Vs Brendon Peter Cain** deciza 6 ta' Novembru, 2018

**Il-Pulizija (Spettur Pier Guido Saliba) Vs Elton Briffa** deciza 26 ta Gunju 2019.

**Il-Pulizija vs. William Mifsud** deciza 20 ta Settembru, 2020.

**<u>Il-Pulizija vs. Justin Chetcuti</u>** deċiża 30 ta' Settembru, 2021.

Illi kif inhu palezament akkolt fil-ġurisprudenza, lanjanza ta' din in-natura tkun teħtieġ eżami mill-ġdid u approfondit tal-provi mhux sabiex isir ġudizzju mill-ġdid iżda sabiex din il-Qorti tkun konvinta jew le li l-ewwel Qorti qabilha setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għalih.

Rat l-affidavit ta' **WPS 223 Charlene Calleja** esebit fl-atti a fol. 2 minn fejn jirriżulta li nhar id-29 ta' Ġunju 2018 għall-ħabta tas-14.20 p.m waqt li kienet qegħda xogħol ġewwa l-għassa tal-Mellieħa ġiet infurmata minn WPC 104 A. Meilaq minn ġewwa l-għassa tar-Rabat Għawdex li ċertu Carmel Spiteri rraporta ġewwa l-imsemmija għassa fejn stqarr li dakinhar filgħodu għall-ħabta tal-11.00a.m waqt li kien qiegħed jistenna ġewwa l-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni CAF 452 tal-għamla Toyota wara l-kju tal-vapuri fi Triq il-Marfa Ċirkewwa beda jinnota li kien hemm xi vetturi li bdew jaqbżuh u għaldaqstant beda jsuq viċin il-vettura li kien hemm quddiemu sabiex ma jibqgħux jaqbżuh u s-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DCE 897 tal-għamla Opel beda joffendih bi kliem. Kif ukoll ta daqqa fuq il-bieba ta' quddiem tan-naħa tal-passiġġier b'konsegwenza li kkaġuna xi ħsarat ċioe għafsa ta' żewġ ċentimetri.

Carmel Spiteri spjega li huwa talab lis-sewwieq tal-imsemmija vettura sabiex jieqaf milli jkompli isuq iżda l-imsemmi sewwieq ma waqafx u kompla jsuq normali. Carmel Spiteri ipprovda stima għall-imsemmija danni maħruġa minn Michael Debono Ltd. datata nhar it-2 ta' Lulju 2018 fejn l-ammont jammonta għal €233.83, liema stima ġiet preżentata quddiem il-Qorti (dok a fol. 11).

Wara stħarriġ li sar fuq is-sistema NPS irriżulta li l-vettura DCE 897 tal-għamla Opel tgħajjar lil ċertu Francis Portelli u dan ġie kkuntattjat u stqarr lil-vettura kienet qiegħda tiġi użata mit-tifel tiegħu Joseph Portelli għaldaqstant Francis Portelli ġie mitlub sabiex jinforma lil Joseph Portelli sabiex jirraporta ġewwa l-għassa sabiex jiġi mitkellem.

Joseph Portelli rraporta ġewwa l-għassa tal-pulizija tal-Mellieħa fejn qabel ma ġie mitlub sabiex jistqarr l-verżjoni tiegħu ingħata id-drittijiet tiegħu fosthom li jista

jkellem l-avukat tal-għażla tiegħu fejn huwa rrinunzja għal dan id-dritt u ffirma is-solita dikjarazzjoni fejn ingħata kopja u l-istess kopja ġiet esebita il-Qorti (dok a fol. 13).

Meta mistoqsi dan Joseph Portelli stqar li nhar id-29 ta' Ġunju 2018 għall-ħabta ta' 12.00p.m kien għaddej għall affari tiegħu fi Triq iċ-Ċirkewwa u kien hemm xi żewġ karozzi quddiemu u xi ħamsa warajh u kien hemm karozza li ma jiftakarx x'kien in-numru ta' reġistrazzjoni u x-xufier ta' din l-istess vettura beda joħroġ idejh ġol vettura u beda jgħajjat ma ta' ġenbu u x'ħin wasal biex jgħaddi hu beda jrossu bil-vann. Joseph stqarr li hu ma kellmu xejn u baqa' sejjer għall-affari tiegħu.

Meta mistoqsi minnha Joseph stqarr li fl-ebda ħin ma kellmu u lanqas offendih u wisq inqas messlu l-vettura tiegħu.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti a fol. 6 datata 29 ta' Ġunju, 2018 meħuda minn WPC 194 Anne Marie Meilaq.

Rat ix-xhieda ta' **Carmel Spiteri** nhar l-1 ta' Diċembru, 2020 u jgħid li kienet il-ġurnata tal-Imnarja jew lejlietha tas-sena 2018 u qal li kien qiegħed fil-kju biex jirkeb il-vapur bil-karozza hawn Malta. Huwa kien daqsxejn angolat mill-kju u kien hemm persuna li bdiet tpaqpaq għax ried jaqilgħu. Din il-persuna sar jaf li jisimha Joseph mingħand il-pulizija. Mistoqsi jħares dawra fl-awla ipponta lejn l-akkużat u jgħid li jassumi li kien hu iżda il-pulizija tagħrfu iktar minnu. Mistoqsi darba oħra jgħid minn kien jgħid li kien ra l-persuna minn wiċċha u indika fl-awla il-persuna libsa il-qalziet aħdar bħala l-persuna li hija l-appellant odjern. Spjega li għall-ewwel beda ipaqpaq imbagħad biex jiskorrieħ ħareġ idu, taħ daqqa ta' ponn fuq il-bieba tal-karozza tal-vann u għamillu għafsa. Din saret fuq in-naħa tal-passiġġier. Jgħid li dakinhar kellu l-mara miegħu u werwirihielu. Jgħid li qabżu minn naħa tax-xellug. Meta tah din id-daqqa l-appellant kien qiegħed warajh fil-kju. Jgħid li d-daqqa għamilielhu waqt li kien fil-karozza tiegħu. Il-vettura tiegħu hija tal-għamla HiAce numru ta' reġistrazzjoni CAF 452. Qal li l-appellant kien qed isuq il-vettura numru ta' reġistrazzjoni DCE 897. Wara li tah din id-daqqa baqa' sejjer il-quddiem għal vapur. Huwa paqpaqlu iżda cio nonnostante baqa' sejjer.

Ikkonferma li bħala ħsarat kellu €230 skond l-istima ta' Michael Debono Ltd. Qal li huwa irranġa l-ħsarat li kellu u mar għand l-insurance biex jitħallas pero is-soċjeta assikuratriċi riedet tistenna l-esitu ta' din is-sentenza l-ewwel. Iżda ħallas l-*excess*. Ikkonferma li flus ma rċeviex mingħandhom. Jgħid li huwa ma kienx jaf lil persuna li għamlitlu l-ħsarat.

**Jeffrey Sciberas** in rappreżentanza ta' Michael Debono Ltd xehed nhar id-19 ta' Lulju 2022. Muri l-istima esebita fl-atti datata 30 ta'Ġunju 2018 jikkonferma li ħarġet mis-soċjetà minnu rappreżentata. Bħala ħsara kienu limitati għal bieba tan-naħa tax-xellug ta' quddiem.

L-imputat **Joseph Portelli** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar it-3 ta' Ottubru, 2023. Spjega li verament kien hemm kju għal vapur ta' Għawdex. Dan il-kju kien għalih waqt li hu kien fuq in-naħa tat-tarmac u n-naħa l-oħra fejn in-naħa ta' ġewwa jgħaddu l-karozzi li ma jkunux sejrin Għawdex. F'xi ħin ħareġ is-sur Spiteri u ma bediex iħalli l-karozzi jgħaddu u meta għadda hu qal li qal li tah daqqa ta' ponn fuq is-saqaf, għaffiġlu l-bieba u ma kienx minnu. Jgħid li kull ma għamel kien li daqlu l-horn biex iwessgħalu biex jgħaddi. Dakinhar huwa kien bi ħsiebu jipparkja l-vettura fil-parking biex imur Għawdex bil-pass. Huwa jiċħad li niżel mill-karozza u tah daqqa fis-saqaf. Jgħid li kull ma għamel kien li daqq il-horn tal-karozza iżda mhu veru xejn li tah daqqa ta ponn.  Jgħid li jekk tah xi daqqa ta ponn ħaddieħor ma jafx pero jerġa jgħid li mill-karozza ma niżilx.  Jgħid li dakinhar huwa kien qed jagħmel użu minn vettura tal-għamla Opel u din kienet reġistrata fuq missieru iżda meta xehed kienet ġiet garaxxjata. Jiċħad li giriflu l-karozza u jgħid li kien hemm ħafna karozzi li għaddew minn hemm. Jinsisti li kull ma għamel kien li daqlu l-horn.

Illi din il-kawża tiddependi biss fuq il-kredibbilita' tax-xhieda u xejn iktar għaliex il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet ta' dak li allegatament seħħ dakinhar iċ-Ċirkewwa. Il-verżjoni tal-proskeuzzjoni kif spjegata minn Carmel Spiteri li jgħid li l-appellant qabad u tah daqqa ta' pon fuq il-bieba tal-karozza tiegħu u dik espress mill-appellant li jiċħad li għamel dak allegat fil-konfront tiegħu.

Illi jirriżulta li l-parte civile kellu lil martu Maria miegħu dakinhar tal-inċident pero l-prosekuzzjoni ma resqithiex biex tixhed għal xi raġuni jew oħra minkejja li kienet taf

biha. Għalhekk hija biss ix-xhieda tal-partijiet involuti biss li għandha il-Qorti u ċioe dik tal-allegat vittma Carmel Spiteri u dik tal-appellant l-allegat aggressur. L-appellant fil-fatt fit-tieni aggravju tiegħu jilmenta li l-prosekuzzjoni ma resqitx l-aħjar prova u fit-tielet aggravju jgħid li x-xhieda tal-appellant għandha iktar mis-sewwa. Illi dawn it-tlett aggravju għalhekk ser jiġi trattati ilkoll flimkien.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat huma veri u dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890: -

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaċċjata b'verżjonijiet konfliġġenti, għandha tillibera, stante li tali kunflitt għandu jmur a benefiċċju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, waqt li d-difiża trid tipprova d-difiża tagħha fuq bażi ta' probabbilta'.

Huwa prinċipju bażiku prattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali, li sabiex l-akkużat jiġi misjub ħati l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu dawn għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,** fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra

ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ **Miller vs Minister of Pension -** 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jiġri meta ġudikant ikun rinfaċċjat b'verżjonijiet konfliġġenti u ċioe' jistgħu jiġru żewġ affarijiet u ċioe' jew il-ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timporta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għal piena jew għal xi provvediment ieħor.

Il-ġudikant li jkun se jiddeċiedi għandu jagħżel is-sikrana mill-qamħ. Kif se jagħmel dan? Il-ġudikant għandu jeżamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeċiedi l-kawża abbażi tal-liġi applikabbli, tal-ġurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvinċenti u korroboranti[1].

---

[1] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius vs Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008

F'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-każ **Il-Pulizija vs Charles Bianco**[2] l-Imħallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> *in il-qorti ellha o a joni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal- orti, u oll je i unu familjari ma' da l-ambjent i da j unu qegħdin jixhdu in rebus suis, u a tar meta j unu qegħdin jirra ontaw episodju li għalihom ien trawmati u – ma rat xejn "nevrasteni u" jew isteri u fix-xhieda ta' ohn onello. Id-dis repan i għar bejn ix-xhieda ta' ohn onello u di tal- vu at Irene onello, li baqgħu għal emm, if jgħid l-appellant fir-ri ors tiegħu, " gur ellhom ħafna opportunitajiet li jit ellmu bejniethom dwar il- a u jfa ru lil xulxin x'gara da inhar talallegat incident", a tar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma initx or estrata, u illi t-tnejn xehdu da li fta ru u ienu onesti bi ejjed biex ma "ji orregux il-ver jonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għal emm ellhom o a joni jagħmlu he u għal emm setgħu jobsru illi d-dis repan i x'a tarx ien sejjer jaqbad magħhom lappellant biex joħloq argument. ifferen i ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmati u huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.*

L-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida ċara lill-ġudikant kif għandu japprezza xhieda ta' xhud id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġi ġudikat l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi għandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali iżda l-provi għandhom jiġu analizzati flimkien fl-assjem tagħhom sabiex wieħed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni raġjonevoli u legali jista' jagħti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab ħtija jew nuqqas ta' ħtija sempliċement fuq analiżi individwali jew separata tal-provi. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll

mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

[2] Appell Kriminali Numru. 115/2006

komplessivament. Dan hu appuntu l-eżerċizzju li sejra tagħmel din il-Qorti, u cioe' li teżamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-każ.

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Abdellah Berrad et** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 ingħad is-segwenti:

> *"Huwa minnu w oll if rapportat a tar 'il fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, je emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilta'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru w oll li provi indi jarji jridu jigu e aminati b'a tar atten joni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.*

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ħmistax (15) ta' Ġunju, 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Lee Borg et**., fejn kien ġie ritenut li provi jew indizzji ċirkostanzjali għandhom ikunu univoċi, cioe' mhux ambigwi. Għandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reat u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li hu l-ħati u l-provi li jiġu mressqa, ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innoċenza tiegħu. Illi għalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-każ li jiġi ppruvat li kien l-imputat biss li għamel dak li ġie akkużat bih u għalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment ċirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:

> *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precisjoni matematika".*

Archbold fil-ktieb tiegħu Criminal Practice[3] b'riferenza għal dak li qal Lord Normand fil-kaz **<u>Teper vs R</u>** (1952) jgħid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eyewitnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved and other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija eżattament il-pozizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali 12 nhar id-disgħa (9) ta' Jannar 1998 fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Seisun</u>**.

Il-Qorti tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħall-katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **<u>Il-Pulizija vs Cyrus Engerer</u>** daħlet fil-fond dwar il-prova ċirkostanzjali u l-konklużjoni univoka, fejn ikkwotat il-ġurista Ingliż **Pollock C.B:**

> *"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of".*

[3] 1997 Edition Para 10-3

Il-Qorti żiedet tgħid li "biex wieħed jasal li jikkonkludi li l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni taċ-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. In oltre il-konklużjoni biex tkun univo a mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista twassal għal ħtija b'mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubju dwar l-univoċita' tal-provi ċirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wieħed raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bażi tan-nuqqas ta' univoċita ."[4]

F'dan il-każ għandna ix-xhieda tal-parte civile mogħtija a tempo vergine tal-inċident ftit wara kif rapportat fl-okkorrenza. Din ix-xhieda reġgħet ġiet korroborata minnu viva voce il-Qorti quddiem l-appellant. Il-prosekuzzjoni resqet l-istima tal-ħsrat sofferti mill-parte civile. L-appellant isostni li din l-istima m 'għandhiex tingħata attenżjoni għaliex ma ġietx konfermata mill-awtur tagħha. Il-Qorti tispjega li dan id-dokument esebit fl-atti ħareġ mis-soċjeta Michael Debono Ltd u għalhekk kwalsiasi rappreżentant tagħha jista jikkonferma din l-istima u fil-fatt is-soċjeta Michael Debono ltd bagħtet lil Jeffrey Sciberras jikkonfermaha. L-appellant fir-rikors tiegħu jgħid li ma jirriżultax x'kienet il-kariga ta' dan Sciberras fis-soċjeta. Il-Qorti ma tara l-ebda importanza x'kienet il-kariga tiegħu purche kien awtorizzat jixhed għan nom tas-soċjeta. Kien jispetta lill-istess difiża isaqsi lil dan ix-xhud x'jgħamel una volta xtaqet tkun taf hi. Pero din il-Qorti tara li dan id-dokument ġie rilaxxjat b'mod korrett u għalhekk għandu jitqies bħala dokument indizzjajru li jikkonferma dak li rraporta Spiteri u ċioe li kellu għafsa fuq il-bieba tal-vettura tiegħu ta' naħa ta' quddiem.

Illi l-appellant jaqbel li kien fil-lok tal-inċident dakinhar li Spiteri rraporta l-inċident u jaqbel ukoll li kien fejn deskritt minn l-*parte civile* stess. Jinsisti pero li fl-ebda ħin ma ħareġ mill-karozza. Fil-fatt l-parte civile ukoll jgħid li l-appellant ma ħariġx mill-

[4] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Onor. Imhallef Michael Mallia) Il-Pulizija (James Grech) vs Cyrus Engerer deċiża 08 ta' Mejju 2014.

karozza u għalhekk tali difiża tiegħu hija ukoll korroborata mill-parte civile. Illi huwa minnu li x-xhieda tal-parte civile tikkontradici dik tal-appellant pero din il-Qorti ma tmurx wara l-kwantita ta xhieda izda il-kwalita tax-xhieda. Jidher li l-parte civile kien konsistenti fix-xhieda tieghu tul l-proċedura kollha sa mill-bidu nett meta għamel l-istatment tiegħu. Deher ġenwin f'dak li qal.

Ta' spiss jokkorri fi proċeduri bħal dik in disamina fejn persuna tallega ħwejjeġ kontra persuna oħra li da parti tagħha tiċħad u minflok tallega l-gidba da parti tad-denunzjant. Il-liġi tilqa' għal din l-okkorrenza fl-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali preċiżament fis-subartikolu tiegħu li jipprovdi hekk:

> *B'dan kollu, f'kull kaz, ix-xiehdadwar ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar.*

Il-qofol ta' dan is-subartikolu jinsab fil-kliem "jekk emmnut" u dik id-deċiżjoni hija fid-diskrezzjoni totali tal-ġudikant li fil-ġurisprudenza insibu insenjament arrikkit dwarha. Per eżemplari fis-sentenzi **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** App. Krim., 9.07.2003 u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qrt**. Krim 19.10.2006 kien ritenut illi

> *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".*

Illi għalhekk it-tielet aggravju ġie indirizzat ukoll.

Illi fir-raba aggravju l-appellant isostni li ma hemm l-ebda ness bejn il-vettura misjuqa mill-appellant u dik l-aġir tal-parte civile. Din il-Qorti issostni li l-fatt li kien l-parte civile li indika l-vettura tal-appellant billi anke ta in-numru tar reġistrazzjoni tagħha huwa biżżejjed biex jipprova tali ness una volta l-ewwel Qorti u del retso din ukoll

qegħda temmen lill-parte civile. Għalhekk bix-xhieda tal-parte civile stess dan in-ness ġie ukoll provat.

L-aħħar aggravju huwa dwar il-piena għaliex fil-fehma tal-appellant il-piena kienet waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi. Jingħad li bħala prinċipju. Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Jingħad li fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[5] , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[6] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[7] . Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Illi fil-każ in desamina l-appellant ma hux qed jillamenta l il-piena ma taqax fil-parametri tal-liġi iżda li l-piena inflitta hija waħda eċċessiva.

[5] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003

[6] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[7] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

Kif intqal fl-appell **<u>Kandemir</u>**[8] u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb</u>**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta.

Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et</u>** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

Fil-verita`, dawn il-prinċipji huma rifless tal-prinċipju l-ieħor li meta jkun hemm sentenza li tiġi appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel Qorti tkun naqset

[8] The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005

milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel Qorti) li kien jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diġa` ngħad, "*sentencing is an art rather than a science*" u wieħed ma jistax jippretendi xi preċizjoni matematika jew identita` erfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' każ ma' ieħor jew tal-piena erogata f'każ ma' dik erogata f'każ ieħor.

Illi din il-Qorti eżaminat bir reqqa il-fedina penali tal-appellant esebita fl-attti a fol. 99 et seq u jirriżulta li diġa għandu diversi convictions reġistrati fuqha akewara li seħħ dan il-każ u għalhekk jidher li donnu ma jridx jitgħallem li jżomm il-bogħod mill-ħajja kriminali. In oltre l-appellant ma ressaq l-ebda prova għaliex din il-Qorti għandha tiddipartixxi mill-piena mogħtija mill-ewwel Qorti.

Għalhekk din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward fejn sabet lill-appellant mhux ħati tat-tieni akkuża u fir-rigward tal-ewwel akkużat fejn sabitu ħati. Qeda tikkonferma l-piena mogħtija mill-ewwel Qorti kemm imposta għar rigward l-ewwel akkuża.

Tikkonferma ukoll l-ordni maħruġa ai termini tal-artikolu 28H (I) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk tordna lill-istess appellant iħallas lil parte civile Carmel Spiteri is-somma ta' mitejn tlieta u tletin euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€233.83) rappreżentanti id-danni sofferti minnu skond l-istima esebita fl-atti u dan fi żmien sitt xhur mill illum.

Il_Qorti spejgat il-portata ta din is-sentenza lill-ħati ai termini tal-artikolu 28A (4) u 28H (7) tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta u l-appellant kkonferma li fehem l-istess

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**